MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1408/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited, ghan-nom u in rapprezentanza ta' sindakati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds**

**vs**

**Charles Gouder**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju, 2003 fejn intalab l-hlas ta' disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm987.18) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta` attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet "Lloyds (Malta) Ltd bhala rapprezentanti ex lege ta' Costworth Capital Ltd, membri ta' Lloyds li**

**jifformaw is-syndicate bin-numru 1069 u joperaw taht l-isem H.R. Rivington & Others, Millenium Insurance Agency Ltd. bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess H.R. Rivington & Others – Syndicate 1069 kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Marvic Vassallo vs Charles Gouder" (Avv.Nru.124/01/MM – deciza 7 ta' Novembru, 2002), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Mejju, 2000, gewwa Triq il-Mina ta' Hompesch, Sabrá, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numru ta' registrazzjoni JAP-324 u l-vettura propjeta` ta' Marvic Vassallo bin-numru ta' registrazzjoni MRV-099, u dan wara illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta` attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kien obbligat illi jaghmel ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relativa, liema nuqqas jintitola lis-socjeta` attrici illi tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini tal-polza relativa.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-Att, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm987.18) bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Jannar, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-Att, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------